**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija għall-SMEs**

(2020/C 440/11)

| | |
|---|---|
| **Relatur:** | Eddy VAN HIJUM (NL/PPE), Membru tal-Kunsill tal-Provinċja ta' Overijssel |
| **Dokumenti ta' referenza:** | Rapport annwali dwar l-SMEs Ewropej. Ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni mill-SMEs<br>Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali<br>COM(2020) 103 final |

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jirrikonoxxi l-importanza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-ekonomija tal-UE, peress li jammontaw għal 99,8 % tal-kumpaniji kollha fis-settur kummerċjali mhux finanzjarju, żewġ terzi tal-impjiegi totali, u 56,4 % tal-valur miżjud totali ġġenerat mis-settur kummerċjali mhux finanzjarju ([1]);

2. jifhem li t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli u diġitali ma tistax isseħħ mingħajr l-impenn tal-imprendituri u tan-negozji tal-familja li jippossjedu u jiġġestixxu l-25 miljun SME fl-Ewropa u jissottolinja l-ħtieġa li l-SMEs jiġu megħjuna biex jisfruttaw opportunitajiet ġodda, jirreaġixxu b'mod sod għal ambjent kummerċjali li qed jinbidel u, billi jagħmlu dan, ikunu qed joħolqu tkabbir u impjiegi sostenibbli u jsaħħu l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa f'dawn it-tranżizzjonijiet;

3. jappoġġja lill-UE fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-SMEs billi jitnaqqas il-piż regolatorju, jittejjeb l-aċċess għas-Suq Uniku u tiżdied id-disponibbiltà tas-servizzi finanzjarji;

4. jenfasizza li r-reġjuni u l-muniċipalitajet huma l-ħabitat naturali tal-SMEs, li jiffunzjona bħala ekosistema fejn l-SMEs jinvolvu ruħhom f'networks li jorbtuhom mal-infrastruttura ta' appoġġ tagħhom, inklużi s-swieq tax-xogħol, l-istituti edukattivi u ta' riċerka, ix-xerrejja u l-fornituri, is-servizzi finanzjarji u kummerċjali, il-kmamar tal-kummerċ u l-industrija u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

5. jilqa' bi pjaċir, għalhekk, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 *Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali*, u jikkondividi l-objettivi ddikjarati tagħha li tnaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju għall-SMEs, ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament, kif ukoll l-impenn tagħha li tħeġġeġ lill-SMEs jinvolvu ruħhom fit-tranżizzjoni għas-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni;

6. jagħraf li mill-preżentazzjoni tal-Istrateġija għall-SMEs 'l hawn, id-dinja nbidlet b'mod sinifikanti. It-taqlib ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 huwa mistenni li jħalli impatt qawwi fuq ir-reġjuni u l-SMEs kollha fl-Ewropa. Iżda l-kriżi għandha titqies ukoll bħala opportunità storika biex l-irkupru ekonomiku jiġi allinjat mal-istandards tal-Patt Ekoloġiku, is-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni, li jridu jkunu integrali għal kwalunkwe strateġija tal-SMEs. Għandu jitwettaq pjan ta' rkupru għall-SMEs bl-awtoritajiet lokali u reġjonali fuq quddiem nett, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għad-diversi ħtiġijiet tal-SMEs u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u istituzzjonali differenti madwar l-Ewropa. Il-miżuri ta' rkupru tal-UE se jkunu effiċjenti l-aktar jekk jiġu sinkronizzati mal-inizjattivi reġjonali u nazzjonali u koerenti mal-ekosistemi lokali. Għalhekk, koordinazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki huma kruċjali;

([1]) Ara r-Rapport annwali dwar l-SMEs Ewropej (2019)

**L-indirizzar tal-SMEs kollha**

7. jemmen, għalhekk, li l-Istrateġija għall-SMEs, minkejja li tinkludi l-prijoritajiet u l-miżuri rilevanti, ma għandhiex viżjoni li tindirizza b'mod sħiħ id-diversi ħtiġijiet tal-SMEs. Tali viżjoni għandha tpoġġi enfasi qawwija fuq l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-SMEs f'Suq Uniku komplet u approfondit u għandha tħeġġeġ l-integrazzjoni u l-komplementarjetà bejn il-miżuri fil-livelli kollha tal-gvern, inkluża dimensjoni reġjonali b'saħħitha sabiex jiġi żgurat approċċ ibbażat fuq il-post imfassal apposta għall-ħtiġijiet tal-SMEs lokali;

8. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni dwar id-diversità fost l-SMEs, iżda jemmen, madankollu, li din id-diversità mhijiex imħaddma biżżejjed fil-miżuri proposti. L-istrateġija tal-Kummissjoni tiffoka primarjament fuq in-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-SMEs ta' teknoloġija avvanzata. Għalkemm dawn il-gruppi huma kruċjali għat-tkabbir u l-innovazzjoni, dan ma jfissirx li d-ditti tradizzjonali u dawk li huma proprjetà ta' familja huma segwaċi passivi;

9. jiddeplora l-karatterizzazzjoni tal-Kummissjoni ta' "ditti tradizzjonali", meta tirreferi għall-SMEs stabbiliti u inkorporati, id-"ditti li ilhom stabbiliti" tal-komunità tal-SMEs. Dawn id-ditti inkorporati se jkunu forza ta' stabbiltà għall-ekonomiji u l-komunitajiet lokali fil-kriżi attwali u se joħolqu tkabbir sostenibbli fit-tul;

10. jirrikonoxxi r-rabtiet b'saħħithom bejn l-SMEs u r-reġjuni ospitanti tagħhom; speċjalment id-ditti li ilhom stabbiliti, li huma inkorporati lokalment u li jistinkaw għal sopravivenza fit-tul. Ta' spiss, iżda mhux dejjem, dawn id-ditti jkunu proprjetà ta' familja u huma aktar inklinati li jerfgħu r-responsabbiltà soċjali, minħabba li l-kapital soċjali tagħhom huwa marbut mar-reputazzjoni lokali tagħhom. Is-sidien, il-maniġers u l-impjegati tagħhom jistgħu jsiru ambaxxaturi għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u jipparteċipaw f'kollaborazzjonijiet strutturali mal-awtoritajiet reġjonali u lokali;

11. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa politiki li jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-negozji tal-familja fl-Ewropa, inkluża l-intraprenditorija ta' suċċessjoni u dik transġenerazzjonali. Għalkemm in-negozji tal-familja għandhom rwol importanti fl-ekonomija tagħna, dawk li jfasslu l-politika ftit li xejn jagħtuhom attenzjoni. Dan in-nuqqas ta' attenzjoni għadu preżenti minkejja l-kummenti reċenti tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, u inizjattivi preċedenti.

12. jenfasizza li d-ditti li huma proprjetà ta' familja huma l-aktar intrapriża komuni, billi jammontaw għal madwar 70 % tad-ditti kollha fl-Ewropa ([2]). L-istruttura ta' sjieda tiddefinixxi, b'mod partikolari, kif tiġi ġestita SME u minn min tiġi ġestita, kif ukoll l-istrateġija kummerċjali u ta' investiment tad-ditta. Madankollu, fil-politiki tal-SMEs eżistenti, hemm nuqqas kbir ta' din il-perspettiva ta' sjieda;

13. jistieden lill-Kummissjoni tkompli u tespandi l-appoġġ tal-istħarriġ statistiku fil-programm għall-Kompetittività tal-SMEs (COSME). Sabiex ir-riċerkaturi u l-aġenziji tal-istatistika jkunu jistgħu jkopru bis-sħiħ id-diversi strutturi ta' sjieda tal-SMEs tal-Ewropa u janalizzaw differenzi internazzjonali u interreġjonali importanti. F'dan ir-rigward, iqis meħtieġ li l-ġbir tad-data jsir b'tali mod li jitqiesu l-kwistjonijiet tal-ġeneru;

14. jenfasizza li d-ditti tal-familja huma kkonċentrati b'mod sproporzjonat f'reġjuni li, f'termini ta' prodott domestiku gross, jinsabu qrib il-medja Ewropea u li dawn ir-reġjuni qegħdin jiffaċċjaw "nassa ta' dħul medju" ([3]). Skont is-seba' Rapport dwar il-Koeżjoni, it-tkabbir kien aktar kajman f'dawn ir-reġjuni ta' dħul medju, meta mqabbel mar-reġjuni li qegħdin fuq quddiem nett u mar-reġjuni li ġejjin minn pożizzjoni żvantaġġata;

15. jenfasizza li l-politiki tal-SMEs għandhom ipoġġu aktar prijorità fuq l-involviment ta' SMEs stabbiliti u l-indirizzar tal-ħtiġijiet tagħhom inkluż l-adattament għal teknoloġiji ġodda, it-trasferimenti tan-negozji, l-internazzjonalizzazzjoni, l-aċċess għal finanzjament u l-professjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni u tar-rapportar. Punti uniċi ta' servizz eżistenti inkorporati b'mod sħiħ fl-ekosistemi reġjonali għandhom jintużaw bħala punti ta' aċċess biex jiġu pprovduti servizzi aċċessibbli lokalment lill-SMEs, inklużi pariri dwar firxa wiesgħa ta' programmi, miżuri u strumenti ta' finanzjament li joriġinaw mil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali.

([2]) Ir-riċerka statistika appoġġjata mill-programm COSME ddeterminat is-sehem tan-negozji tal-familja fin-negozju mhux finanzjarju fid-Danimarka (60 %), il-Finlandja (70 %), in-Netherlands (71 %) u l-Polonja (92 %).

([3]) Abbażi ta' statistika li toriġina min-Netherlands, ir-reġjuni b'konċentrazzjonijiet ogħla ta' negozji tal-familja huma qrib il-medja Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-PDG (Eurostat, 2017; CBS, 2017).

16. jinvesti f'ekosistemi reġjonali b'saħħithom, anke permezz ta' investimenti reġjonali fl-innovazzjoni, li għandhom ikunu konnessi sew fuq livell Ewropew permezz ta' skambju ta' għarfien internazzjonali bejn l-SMEs u bejn il-gvernijiet reġjonali. Jilqa' l-istrateġiji u l-inizjattivi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħall-Pjattaforma S3, l-Inizjattiva Vanguard u diversi proġetti ta' kollaborazzjoni fost ir-Reġjuni Intraprenditorjali Ewropej (EER), li wrew kemm huma siewja u li jisthoqqilhom appoġġ kontinwu, inkluż billi jinħoloq qafas ta' finanzjament apposta biex dawn jitħeġġew;

**It-tisħiħ tal-kapaċitajiet għad-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà**

17. jinnota l-pjan tal-Kummissjoni li ssaħħaħ iċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien dwar l-Użu Effiċjenti fir-Riżorsi u l-pjan li taħtar konsulenti tas-sostenibbiltà ddedikati fin-Network Enterprise Europe (EEN);

18. huwa mħasseb li dawn l-inizjattivi Ewropej mhumiex ankrati fl-infrastruttura reġjonali għall-SMEs. Eċċezzjoni pożittiva hija l-appoġġ tal-Kummissjoni ta' network dens sa 240 Ċentru ta' Innovazzjoni Diġitali;

19. jenfasizza li l-SMEs li huma attivi fis-settur tal-ICT jistgħu jiffunzjonaw bħala abilitanti diġitali f'ambjent reġjonali billi jiffaċilitaw il-grupp dejjem jikber ta' SMEs diġitalment dipendenti. Id-digitalHUB Aachen huwa eżempju ta' tali inizjattiva ([4]); u jitlob li jiġi promoss il-ħolqien ta' aktar Alleanzi tal-SMEs għal Intelliġenza Artifiċjali fil-ktajjen tal-valur strateġiċi;

20. iħeġġeġlill-SMEs joperaw b'mod aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom, jagħtu spinta lill-produzzjoni u l-użu ta' enerġija rinnovabbli u jħaddnu proċess ta' produzzjoni ċirkolari sabiex inaqqsu l-ispejjeż u jibnu ekonomija sostenibbli. Madankollu, l-SMEs u l-mikrointrapriżi ma għandhomx iġarrbu sehem sproporzjonat tal-ispejjeż assoċjati mat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, lanqas ma għandhom ikunu esposti għal kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi terzi bi standards ambjentali aktar baxxi. F'dan ir-rigward, iqis li għandu jiġi previst mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi terzi;

21. jenfasizza li l-aġenda tal-kapital uman għall-SMEs, inklużi l-programmi għal ħiliet ekoloġiċi u diġitali, ma għandhiex tkun maħsuba biss għall-ħaddiema iżda wkoll għall-intraprendituri, is-sidien u l-maniġers, filwaqt li jitlob li l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa riveduta tal-Kummissjoni tqis dan it-tħassib b'mod adegwat. Dawn l-intraprendituri, is-sidien u l-maniġers ma jiħdux biss deċiżjonijiet dwar prijoritajiet strateġiċi, iżda wkoll isawru l-ambjent ta' tagħlim fid-ditti tagħhom;

22. jipproponi li t-taħriġ isir f'ambjent bejn il-pari bi rwol ta' medjatur għall-infrastruttura ta' spiral triplu reġjonali. Huwa ta' importanza kruċjali li l-intraprendituri, is-sidien, il-maniġers u l-impjegati tal-SMEs ikollhom aċċess għall-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja fl-universitajiet, l-iskejjel vokazzjonali, istituzzjonijiet oħra ta' taħriġ vokazzjonali u l-laboratorji fuq il-post. Aġenda tal-kapital uman komprensiva għall-SMEs li tinkludi wkoll aspetti tal-ġeneru tista' ssaħħaħ kemm ir-reġjuni innovattivi ħafna kif ukoll ir-reġjuni li qegħdin jiffaċċjaw eżodu ta' mħuħ;

**It-tnaqqis tal-piż regolatorju u amministrattiv u t-titjib tal-aċċess għas-suq**

23. jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb it-test tal-SMEs tagħha waqt il-valutazzjoni tal-impatt tar-regolamenti proposti, f'konformità mal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir". Test tal-SMEs tajjeb jinkludi analiżi differenzjata tal-ispejjeż u l-benefiċċji għall-SMEs u l-kumpaniji kbar kif ukoll bejn id-daqsijiet u l-klassijiet differenti ta' SMEs, bosta opportunitajiet għal konsultazzjoni tal-partijiet interessati, kwantifikazzjoni tal-impatt u sorveljanza qawwija mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju;

24. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġi żviluppat Standard tan-Nazzjonijiet għall-Istartups tal-UE li għandu l-ambizzjoni li jagħmel lill-Ewropa l-aktar kontinent attraenti għal startups (negozji ġodda) u scaleups (negozji li qed jespandu). Fl-istess ħin, jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti l-livelli kollha ta' gvern fl-inizjattiva;

([4]) https://aachen.digital/

25. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar favorevoli għall-SMEs biex tiżgura li l-miżuri regolatorji jiffunzjonaw bħala stimuli għall-innovazzjon u li ma jfixklux l-attivitajiet tal-SMEs, kif jiġri spiss b'operazzjonijiet transkonfinali. Dan iwassal għal reżiljenza u kompetittività akbar minflok għal piż addizzjonali u spejjeż tal-konformità assoċjati mal-kummerċ internazzjonali. Sabiex l-SMEs jiġu mħeġġa jibdew igawdu mill-benefiċċji ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġusti, filwaqt li jibqgħu wkoll sensittivi għar-riskju ta' kompetizzjoni inġusta minn esportazzjonijiet tal-pajjiżi terzi b'rekwiżiti ambjentali inqas stretti, jeħtieġ li l-ostakoli jitnaqqsu b'modi innovattivi u kosteffiċjenti, pereżempju permezz ta' għodod ibbażati fuq il-web u interattivi bħall-Kalkolatur tar-Regoli tal-Oriġini għall-SMEs, jew permezz ta' mekaniżmi li jistgħu jidentifikaw l-emissjonijiet tal-prodotti (bħall-aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri jew id-definizzjoni ta' "passaporti");

26. huwa sodisfatt bil-kontinwazzjoni tal-iskrinjar tal-idoneità regolatorja fil-Pjattaforma *Fit for Future*. Madankollu, ir-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-SMEs jeħtieġ li jissaħħaħ meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu, il-pjattaforma REFIT. Bosta regolamenti li qegħdin jaffettwaw lill-SMEs huma implimentati fil-livell sottonazzjonali u d-densità regolatorja, il-gold plating u l-kwistjonijiet dwar il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà huma aktar viżibbli fil-qiegħ tal-piramida; f'dan ir-rigward, jenfasizza li l-Kummissjoni se tiffoka wkoll fuq it-tneħħija tal-burokrazija żejda fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera, biex tigura li l-iskambju ta' persunal bejn ir-reġjuni tal-fruntieri ikun faċli kemm jista' jkun, anke għal perjodi qosra ta' żmien;

27. jistieden lill-Kummissjoni biex, matul il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-iskrinjar regolatorju tal-leġislazzjoni tal-UE, tikkonsulta b'mod attiv lill-SMEs u lil gruppi ta' interess li jirrappreżentaw varjetà wiesgħa ta' mudelli ta' negozju, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Ambjent regolatorju pożittiv għall-intraprenditorija soċjali se jtejjeb ir-rata ta' sopravivenza tal-istart-ups b'impatt soċjali, jinkoraġġixxi l-innovazzjoni soċjali u jippromovi r-responsabbiltà soċjali korporattiva, u b'hekk noqorbu lejn it-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);

28. jemmen li tnaqqis fl-ostakoli għall-SMEs relatati mal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, inklużi l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, huwa kundizzjoni neċessarja għall-SMEs biex jipparteċipaw fis-suq uniku diġitali u għal Ewropa diġitali innovattiva, sostenibbli u inklużiva li tinvesti fil-kondiviżjoni tad-data u l-fiduċja diġitali;

29. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' akkwist pubbliku favur l-SMEs proposti fid-Direttivi tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku, inkluż il-prinċipju ta' "aqsam jew spjega", ir-rekwiżiti mnaqqsa għall-fatturat u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet elettroniċi bħalma huma d-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist u l-E-Certis. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali biex jiġi applikat il-prinċipju "ta' darba biss" fil-proċess tal-akkwist pubbliku, sabiex jitnqqsu l-piżijiet amministrattivi u tiżdied it-trasparenza;

30. jissottolinja li l-awtoritajiet lokali u reġjonali qegħdin jaħdmu b'mod attiv biex itejbu l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku filwaqt li jippromovu wkoll l-innovazzjoni u jindirizzw l-isfidi tas-soċjetà bħala klijenti pilota. Il-belt ta' Valladolid, ir-rebbieħa tal-premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriżi tal-2019, żviluppat gwida għall-akkwist pubbliku favur l-SMEs, li tista' sservi bħala eżempju ([5]);

31. jixtieq jinvesti f'kollaborazzjoni transfruntiera għall-benefiċċju tal-SMEs, inklużi l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol, ir-relazzjonijiet bejn in-negozji transfruntiera u l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet, l-istituzzjonijiet tal-għarfien u ċ-ċentri ta' appoġġ għall-SMEs fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera; l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaqdu rwol partikolari f'kooperazzjoni transkonfinali bħal din, għaliex jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jiġġudikaw liema miżuri huma xierqa għat-tisħiħ tal-ekonomija lokali tagħhom u jistgħu jidentifikaw malajr l-ostakli għall-kooperazzjoni transkonfinali. L-istrateġija tal-SMEs għandha tipprovdi l-appoġġ politiku lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex hawnhekk jieħdu azzjoni deċiżiva u fil-pront;

32. beħsiebu wkoll jinvesti fil-kollaborazzjoni interreġjonali għall-SMEs u fil-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet, l-istituzzjonijiet tal-għarfien u ċ-ċentri li jappoġġjaw l-SMEs fir-reġjuni insulari u ultraperiferiċi;

([5]) https://blogs.ec.europa.eu/promotingenterprise/files/2020/02/2020_PublicPROCUREMENTfosSME-GUIDANCEforCAuthorities.pdf

33. jistenna li t-trasferimenti tan-negozji se jkunu sfida urġenti fis-snin li ġejjin minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Ewropa. Fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, speċifikament, koorti kbir ta' fundaturi bdew in-negozju tagħhom wara l-1989 u issa jinsabu lesti biex jgħaddu l-kontroll lit-tieni ġenerazzjoni;

34. huwa konxju tar-riskji waqt suċċessjoni tan-negozju u għalhekk jilqa' l-miżuri proposti tal-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tat-trasferiment tan-negozju billi jiġi żviluppat qafas li jappoġġja u jippromovi t-trasferimenti tan-negozji madwar l-UE;

**L-aċċess għal finanzjament**

35. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li aktar minn 60 % tal-SMEs ma jitħallsux fil-ħin, ħaġa li hija waħda mill-kawżi ewlenin tal-fallimenti tal-SMEs. Għalhekk jappella għall-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard u jilqa' l-għodda ta' monitoraġġ u infurzar proposta. Huwa jenfasizza li l-SMEs ma għandhomx jerfgħu l-piż ta' ħlasijiet tard minn korporazzjonijiet u gvernijiet kbar;

36. irid jenfasizza li l-aġenziji ta' żvilupp reġjonali jistgħu jikkontribwixxu għas-sistema finanzjarja reġjonali, mhux biss billi jipparteċipaw fi proġetti ta' riskju għoli iżda wkoll billi jiżguraw il-kontinwità ta' ditti inkorporati, inkluż il-kontribut tagħhom għall-kapital uman ta' reġjun. Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jirrikonoxxi l-impatt soċjali ta' benefiċċju ta' dawn id-ditti inkorporati u jipprijoritizza l-kontinwità tagħhom bi strumenti finanzjarji tal-ekwità speċjali;

37. jilqa' l-integrazzjoni tal-fondi u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri fil-programm InvestEU. Madankollu, iħeġġeġ li l-aċċessibbiltà tal-SMEs għall-finanzjament ma għandhiex tkun limitata għas-sezzjoni speċjali għall-SMEs iżda għandha tkun ukoll prijorità ewlenija fit-tliet sezzjonijiet l-oħra;

38. jinsab inkwetat dwar il-livelli ta' dejn tal-SMEs fl-Ewropa, speċjalment tal-SMEs lokali li jinsabu fi swieq iżolati u fuq skala żgħira, bħal dawk fir-reġjuni insulari u ultraperiferiċi. Il-politiki li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament mill-ekwità għandhom jissaħħu fil-livelli kollha tal-gvern, sabiex b'hekk jitnaqqsu l-livelli mhux sostenibbli tal-finanzjament b'dejn. Dan it-tħassib huwa saħansitra akbar jekk jitqiesu l-mikrointrapriżi li ma jistgħux jaċċessaw il-finanzjament permezz tas-sistema finanzjarja;

**Il-Governanza**

39. jissottolinja li l-istrateġiji reġjonali tal-SMEs huma r-responsabbiltà tal-gvernijiet lokali u reġjonali skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

40. jieħu nota ta' mandat aktar b'saħħtu għan-network ta' Rappreżentanti tal-SMEs biex jirregola l-politiki tal-SMEs tal-UE; jistieden lir-rappreżentanti nazzjonali jżidu l-interazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet reġjonali u ma' atturi territorjali oħra; jissuġġerixxi li jiġu organizzati skambji annwali bejn ir-Rappreżentanti tal-SMEs tal-UE u l-membri tal-KtR sabiex jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-SMEs fil-livell reġjonali u lokali;

41. jenfasizza li kollaborazzjoni, skambju ta' għarfien u tagħlim pan-Ewropej, transfruntiera u interreġjonali huma elementi importanti ta' approċċ Ewropew ikkoordinat lejn l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, li għandhom jiġu mħeġġa, iffaċilitati u appoġġjati minn programmi tal-UE;

42. jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-koordinazzjoni orizzontali tal-istrateġija għall-SMEs, sabiex b'hekk jissaħħaħ l-impatt tal-istrateġija fuq l-allokazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027;

43. jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li numru dejjem jikber ta' SMEs jibbenefikaw minn finanzjament tal-UE, billi l-finanzjament għal programmi tal-SMEs speċifiċi bħall-COSME (EUR 2,3 biljun fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020) huwa modest meta mqabbel mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (EUR 460 biljun). Fi programmi ta' ġestjoni diretti u kondiviżi, bħall-FEŻR, ir-reġjuni jiżguraw b'suċċess li l-baġit huwa pprogrammat għall-fini tal-SMEs. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa linji tal-programm u inizjattivi speċifiċi għall-SMEs fil-Programmi Qafas, bħall-Orizzont Ewropa, kif ukoll tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għal dan it-tip ta' programmi eżistenti;

44. jenfasizza l-importanza vitali tal-FSIE fl-iffinanzjar tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u jirrimarka li l-Kumitat tar-Reġjuni talab li jiġu allokati 30 % pjuttost milli 25 % kif previst bħalissa tal-finanzjament kollu tal-Fondi Strutturali għall-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku;

**It-triq għall-irkupru tal-SMEs mill-COVID-19**

45. jenfasizza li bħala konsegwenza tal-miżuri ta' tbegħid soċjali b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, it-tranżizzjoni tal-SMEs għad-diġitalizzazzjoni b'kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni hija saħansitra aktar urġenti u kruċjali għas-sopravivenza tagħhom u għall-kompetittività strateġika globali tal-Ewropa;

46. juri l-kapaċità tal-Kummissjoni Ewropea li tirreaġixxi matul il-pandemija billi fasslet programmi li jappoġġjaw lill-SMEs u biex jinżammu l-impjiegi, bħall-programm SURE. L-SMEs fis-settur agroalimentari, tas-servizzi jew tat-turiżmu, li huma fost l-aktar li batew matul il-pandemija, jeħtieġu mekkaniżmi flessibbli biex jiżguraw is-sopravivenza tagħhom wara l-kriżi, peress li l-livell ta' impjieg fl-Ewropa huwa marbut b'mod qawwi mas-sopravivenza tagħhom.

47. jirrikonoxxi l-opportunitajiet għal progress sinifikanti fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà li jirriżultaw mir-ristrutturar, filwaqt li jitqies id-daqs tad-ditti u tas-setturi affettwati mill-kriżi. Dan il-progress għandu jkun appoġġjat b'inċentivi ta' investiment għall-SMEs biex jaħtfu l-opportunitajiet ta' teknoloġiji ekoloġiċi u mudelli kummerċjali ċirkolari;

48. iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja jekk l-impatt tal-miżuri għall-appoġġ ta' emerġenza jdgħajjifx l-ambizzjoni tagħha li toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-SMEs. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-livelli diġà ogħla ta' instabbiltà ġeopolitika; it-tfixkil fil-flussi kummerċjali u fil-ktajjen ta' provvista se jwassal potenzjalment għar-rilokalizzazzjoni tal-attività ekonomika, speċjalment fil-każ ta' infrastruttura sistemikament importanti bħall-qasam tat-tagħmir mediku, u jista' joffri opportunitajiet u sfidi għall-SMEs u r-reġjuni. L-SMEs li qegħdin jiffaċċjaw problemi ta' likwidità jistgħu jkunu inklinati li jaċċettaw offerti minn xerrejja strateġiċi, b'riskju ta' interferenza barranija mhux mixtieqa fl-ekonomija;

49. jistenna li l-Kummissjoni taġixxi b'mod prudenti meta ssir ħsara lill-interessi tal-SMEs u tal-ekonomija Ewropea f'dawn l-oqsma, pereżempju kif għamlet meta mmodifikat temporanjament ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet lokali u reġjonali se jibqgħu viġilanti u se jkomplu jibagħtu l-informazzjoni lil xulxin u lill-awtoritajiet ta' livell ogħla, sabiex ikun permess l-iskambju ta' tagħlim dwar reazzjoni proporzjonata għal din is-sitwazzjoni bla preċedent;

50. jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tkun sensittiva għall-interessi tal-SMEs li attwalment ma għandhomx rabtiet b'saħħithom mas-sistema finanzjarja minħabba li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma awtofinanzjati. Uħud minn dawn id-ditti qegħdin jesperjenzaw kwistjonijiet ta' likwidità f'daqqa u jeħtieġu self rimborżabbli u/jew mhux rimborżabbli b'mod urġenti għall-ewwel darba kemm ilhom jeżistu. Dan jaffettwa primarjament lill-mikrointrapriżi, iżda jista' jkollu impatt ukoll fuq l-intrapriżi akbar li huma proprjetà ta' familja;

51. jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-awtoritajiet reġjonali aċċess għall-finanzjament Ewropew skont il-Pakkett ta' Rkupru, sabiex tingħata spinta lill-irkupru ekonomiku. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-SMEs li qegħdin jaġġustaw għal ekonomija ta' wara l-pandemija;

52. jenfasizza li l-għan li n-negozji jsiru aktar stabbli u reżiljenti finanzjarjament għandu jibqa' prijorità ewlenija ta' dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha; iwissi kontra d-dipendenza eċċessiva tal-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs proposti fuq l-istrumenti ta' dejn.

Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Apostolos TZITZIKOSTAS